Kunsill Lokali |ebbu[ - G]awdex
Triq il-Knisja, |ebbu[
Nru. tat-Telefon:- 21563056 Nru. tal-Fax:- 21563322
E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

## NIFIRĦU MA' ANTHONY FARRUGIA

Fil-festi li ċċelebrajna fl-okkażjoni ta' JUM IŻ-ŻEBBUĠ kif ukoll ILWIEN IR-REBBIEGĦA, ilħaqna l-qofol ta' dawn il-festi billi onorajna lis-Sur Anthony Farrugia bil-Premju ĠIEH IŻ-ŻEBBUĠ. Smajna u ktibna fuq Toni pero` li għamel għall-lokalita` tagħna speċjalment biex inkabbru l-Festa li nagħmlu lill-Padruna tal-lokalita` tagħna u ta' pajjiżna SANTA MARIJA ASSUNTA NKURUNATA jiddistingwieh mill-bqija taċ-ċittadini tagħna kif ukoll kullħadd kien jaqbel li Toni kien jimmerita dan il-premju. Minn dawn l-avviżi filwaqt li nifirħu ma' Anthony Farrugia fl-okkażjoni tal-premju Ġieh iż-Żebbuġ 2010 nawgurawlu aktar xogħol b' risq il-parroċċa tagħna taż-Żebbuġ kif ukoll b' risq il-festa li nagħmlu lill-Padruna tagħna Santa Marija. Flimkien ma' Toni naqsmu dan il-ferħ mal-familja tiegħu l-mara Marija kif ukoll Christiana. Minn dawn l-avviżi tajjeb insemmu u nsellmu r-rebbieħa ta' dan il-premju sa minn meta ġie ntrodott għall-ewwel darba fis-sena 1999 W.R. Arċipriet Emeritus Mons Luigi Vella, 2000 Mro. Joseph Mallia, 2001 Superjur tal-Museum Ganni Tabone, 2002 Sur Benjamin Cefai, 2003 Kan. Kant. Karm Cini, 2004 Dun Anton Dimech, 2005 iż-Żebbuġ Rovers F.C.,2006 Michael Cefai, 2007 Kan. Noel Saliba (ex Arċipriet), 2008 Soċjeta` Filarmonika Santa Marija, 2009 Fr. Louis Mallia M.S.S.P. u din is-sena 2010 s-Sur Anthony Farrugia.

## WARA L-ESPERJENZA TA' ILWIEN IR-REBBIEGĦA

Wara l-ewwel esperjenza ta' ILWIEN IR-REBBIEGĦA s-sena l-oħra, din is-sena kellna x-xorti li nerġgħu norganizzaw dawn il-festi li kienu tant suċċess u li komplew jgħollu l-ġieh u l-istima tal-lokalita` tagħna. Iva għalkemm f' kull ma tagħmel dejjem ikun hemm x' wieħed jirranġa ILWIEN IR-REBBIEGĦA ta' din is-sena kienu festi li minkejja t-temp kien wieħed kiesaħ l-attendenza u l-mod ta' kif kien ipprogrammat din is-sena kien aħjar minn tas-sena l-ohra. Għandna fejn nirranġaw bħal per eżempju t-tfal ta' barra mill-lokalita` qiegħdin jiżfnu u jkantaw u tal-lokalita` tagħna qiegħdin jistennew. Anke l-fatt li skola waħda nagħtuha tliet kwarti f' daqqa u ma invarjawx il-programm hemm fejn wieħed jirranġa. Żeffiena anzjani l-aktar li ffittawna biex jiżfnu qabel it-tfal u għal sena oħra min ma joqgħodx għad-deċiżjoni tal-organizzaturi ma jitħalliex jipparteċipa. Qiegħdin nieħdu notamenti ta fejn stajna morna aħjar. Irridu niddelegaw ix-xogħol lil min hu responsabbli u nammettu li setgħa kellna ko-ordinament aħjar. Wara kollox min ma jagħmel xejn ma jiżbaljax u min ma jagħmel xejn ikun dejjem lest u pront biex imaqdar u forsi wkoll ifixkel. Minn dawn l-avviżi filwaqt li nirringrazzjaw lil kull min ta s-sehem tieghu, ferħanin bit-talent li għandna fil-lokalita` tagħna u fir-Reġjun ta' Għawdex kif ukoll inħossu r-responsabilita` li noħolqu dawn l-opportunitajiet biex it-talent Żebbuġi aktar joħroġ biex jipprometti fuq livell Nazzjonali u aktar il-quddiem fuq livell internazzjonali wkoll.

## XOGĦLIJIET FIL-BAJJA TA' MARSALFORN

Għadna kif iffinalizzajna proġett sabiħ u li qiegħdin nirċievu ħafna appoġġ għal din l-inizjattiva li ħadna meta ddeċidejna li nagħmlu ħadid ġdid madwar iċ-ċentru fuq il-wied ta' Marsalforn. Iva kien hemm bżonn li l-ħadid ta' fuq il-pont jinbidel. Fuq disinn tal-perit tal-Kunsill il-Perit Edward Scerri ħriġna sejħa għall-offerti biex inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett. Illum dan il-proġett huwa lest u huwa wieħed minn ħafna proġetti li qiegħdin inwettqu fil-lokalita` tagħna biex dejjem ikollna lokalita` isbaħ kemm għalina kif ukoll għal min jiġi u jżurna. Bil-għajnuna finanzjarja tas-Segretarjat Parlamentari għal-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru irnexxilna niksu bil-*hot asphalt* Triq il-Wied, Triq il-Forn u parti minn Triq Santa Marija. Barra minn dan ksejna mill-fondi tal-Kunsill Triq Ta' Barda. Għandna ħaddiema kemm tal-Ministeru għal Għawdex kif ukoll ħaddiema tal-I.P.S.L. li huma tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali jirranġaw, jiksu, jizbgħu u jagħmlu manutenzjoni fil-bajjiet tagħna. Bil-flus tal-U.I.F. fi ħdan il-M.E.P.A. għamilna sett fanali sbieħ fi Triq id-Duluri, Triq l-Isqof Ġużeppi Pace, Triq il-Munġbell kif ukoll Triq Lapsi. Ġejna nfurmati li l-Ministeru għal Għawdex ħareġ sejħa biex jiksi bil- *hot asphalt* Triq Għar Qawqla. Fil-ġranet li ġejjin il-Ministeru għal Għawdex ser jibni mill-ġdid u ser jirranġa l-ħsara li kkawża l-maltemp ħdejn il-banju tal-isqof (il-ġewwa mill-Pierres Restaurant). Irridu ngħidu grazzi lil Ministeru għal Għawdex talli fl-iqsar żmien irranġa l-*bridge* tat-triq fil-wied ta' Marsalforn il-ġewwa mill-*parking*. Fi ftit ġranet oħra ser inkunu nistgħu nerġgħu nifthuha għat-traffiku. Il-Ministeru għal Għawdex qiegħed jaħdem ukoll u ħareġ l-ewwel sejħa għall-offerti biex nibnu ġnien IT-TLIET GĦOLJIET fuq il-*parking* ta' Marsalforn. Bi pjaċir inħabbrulkom li għadna kif irċivejna l-permess biex inwettqu proġett ambizzjuż madwar il-wied ta' Marsalforn fejn barra li ser nibnu mill-ġdid il-bankini l-proġett jinkludi nstallazzjoni ta' sett ta' għoxrin fanal. Biex inkunu semmejna kollox għandna pendenti l-applikazzjoni biex innadfu u nirranġaw il-madwar tal-wied ta' Marsalforn u dan mhux biżżejjed għax għandna applikazzjoni biex nibnu ċentru amministrattiv bi klinika u għassa tal-pulizija fejn hemm l-għassa tal-pulizija. Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill approvajna u qiegħdin naħdmu għax il-pjanti huma lesti biex il-quddiem nagħmlu sett ta' ħamsin fanal ġdid matul Triq Santa Marija. Irridu ninfurmawkom li għalkemm għandna dan il-programm kollu barra li għandna għal kumplament tal-lokalita` ż-Żebbuġ, il-Qbajjar u x-Xwejni diġa applikajna mas-Segretarjat Parlamentari għal-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru biex il-kumplament ta' Triq Santa Marija kif ukoll Triq il-Qbajjar minn fejn il-Lantern sa ħdejn l-Ispiżerija niksuhom bil-*hot asphalt* bl-iskema li niehda P.P.P.(Public Private Partnership).

## NIFIRĦU LIT-TALENT LOKALI

Nhar is-Sibt li għadda inżamm il-41 edizzjoni tal-Festival Marjan fl-Oratorju Don Bosco ġewwa r-Rabat. Għal dan il-Festival kien hemm parteċipazzjoni qawwija mill-lokalita` tagħna u din il-parteċipazzjoni ssarfet f' rebħ u unuri. Minn dawn l-avviżi nifirħu lil Kor WHITE ROSES li rebħu l-kategorija tal-korijiet kif ukoll lil Kor UNDA MARIS li ġie fit-tielet post f' din il-kategorija. Nifirħu wkoll lil GODWIN u MATTHEW CINI (li fl-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill jipparteċipaw bl-isem CINI BROTHERS BAND) li ġew fit-tieni post fil-Kategorija C. Nifirħu lil-Fr. Noel Saliba li rebaħ il-kategorija tal-aħjar

awtur bil-kanzunetta MARIJA TA' NAZZARET (Fr. Noel huwa wkoll l-awtur tal-Musical GĦERUQNA). Ta' min isemmi li l-KOR WHITE ROSES rebaħ din il-Kategorija billi interpreta d-diska F' RIĠLEJK IT-TAMA li l-awtur huwa Fr. Geoffrey G. Attard u mużika ta' GĦERUQNA. Huwa ta' sodisfazzjon għal Kunsill li dak li nvestejna s-sena l-oħra fit-talent lokali tagħna bil-Musical GĦERUQNA għadna naħsdu l-frott.

**XOGĦLIJIET FIŻ-ŻEBBUĠ**

Wara li rranġajna l-għassa tal-pulizija dħalna għal biċċa xogħol ta' bżonn kbir għar-raħal tagħna taż-Żebbuġ, li nirranġaw il-Berġa. Kienet fi stat ħażin ħafna u bil-għajnuna tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru l-Onor. Dr. Chris Said li tana l-ħaddiema u aħna xtrajna l-materjal qiegħdin nagħmlu klinika kif jixraq liż-żmienijiet tal-lum. Barra dawn ix-xogħlijiet irranġajna parti oħra mit-Triq tal-Ħamra. Wieħed jinnota kif qiegħdin inżommu r-raħal nadif u wara li nqata' l-ħaxix ħażin fir-raħal ser nibdew programm biex innadfu wkoll it-toroq fil-kampanja Żebbuġija. Qiegħdin insegwu l-permessi biex niksu Triq iċ-Ċnus u Triq tal-Konti u ninsabu nfurmati li l-proċess miexi sewwa u dawn il-permessi dalwaqt ikunu f' idejna. Dawn iż-żewġ toroq huma ta' prijorita` għall-Kunsill. Dawn huma l-ewwel żewġ toroq li jridu jsiru wara li tingħata l-aħħar kisja tat-triq li mix-Xwejni twassal sal-Qbajjar. Ma dawn ix-xogħlijiet għandna approvat it-Triq ta' Ħabel it-Twil kif ukoll il-passaġġ ta' Kuljat dejjem meta jkollna l-permessi meħtieġa. Għandna applikazzjoni biex nagħmlu grawnd bit-turf fil-bitħa tal-iskola u tajjeb ninfurmawkom li meta kien hemm għażla bejn min applika (short listing) l-applikazzjoni tagħna ma ġietx skwalifikata. Għamilna applikazzjoni biex nirranġaw Pjazza l-Assunta u Pjazza Santa Marija tal-Virtut. Filwaqt li Pjazza l-Assunta sejrin nirranġaw il-bankini u anke l-Bus Shelter, għax illum kull bankina trid tkun aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali, għandna l-ħsieb li s-siġar ikunu konformi mal-lokalita` tagħna, siġar taż-żebbuġ. Sejrin nagħmlu *traffic management* organizzat tajjeb kif jitolbu ż-żmienijiet tal-lum. Kaxxi fejn wieħed jipparkja u mhux bi ftit karozzi nimlew pjazza. Pjazza Santa Marija tal-Virtut sejrin norganizzawha b' tali mod li l-ħajt li hemm tad-diżlivel ma jintmesx anzi insaħħuh. Dan qiegħdin ngħiduh biex inserħu ras ir-residenti ta' madwar din il-Pjazza li smajna s-suġġerimenti li għamlulna u qiegħdin napplikaw għall-permessi ġodda ta' kif xtaqu u ssuġġerewlna huma. Irridu nagħmluha ċara li ma aħna ser nagħmlu l-ebda proġett fejn ir-residenti tagħna jkunu ser jintlaqtu ħażin jew mhux sodisfatti. Eżempju ċar huwa l-fatt li għalkemm konna determinati li nibnu monument lil erba' vittmi tal-gwerra Żebbuġin meta kien hemm min issuġġerixxa biex nimmodifikaw dan il-proġett hekk għamilna. Naħsbu li llum għandna abozz ta' Monument isbaħ u aħjar u aktar addattat biex nilħqu l-iskop li għalih qiegħdin nimmiraw. Qiegħdin naħdmu biex nieħdu l-lok ta' Għajn Mhelhel, tlabna biex it-Torri tal-Qbajjar jingħata lilna għalkemm hemm pendenzi fil-Qorti, għalkemm ma ġietx aċċettata qiegħdin nerġgħu napplikaw biex nibnu l-uffiċċini tal-Kunsill f' parti mill-iskola. Għandna pendenti wkoll l-applikazzjoni biex nirranġaw madwar is-salini kif ukoll it-tindif u nirranġaw il-madwar tal-wied tal-Qbajjar jew kif nafuh ta' Klajru. Qiegħdin insegwu pass pass ta' fejn inkunu wasalna u xi bżonn ikun jmiss biex dawn ix-xogħlijiet jimmaturaw fil-futur qrib.

**KUNĊERT MILL-ISTITUT MALTI GĦALL-KULTURA**

Nhar it-Tnejn 17 ta' Mejju 2010 ser jinżamm kunċert mużikali mill-ISTITUT MALTI GĦALL-KULTURA mill-kor ta' MARIE TERESE VASSALLO ġewwa lukanda San Ġiljan. Dan il-kunċert ser jibda fis-7.30 pm u jdum madwar siegħa u nofs. Il-Kunsill Lokali qiegħed jagħmel sejħa lil min hu interessat jattendi għalih biex norganizzaw trasport għal dan il-kunċert li ser ikun bla ħlas iżda donazzjoni żgħira fil-bieb tkun apprezzata mill-organizzaturi. Jekk ikun hemm numru biżżejjed norganizzaw *mini bus* jew skont il-ħtieġa. Il-Kunsill ser iħallas it-trasport u min jattendi jrid iħallas il-vapur. Jekk ikun hemm attendenza biżżejjed ser immorru mal-vapur tal-5.15 pm għalhekk irridu nitilqu minn Pjazza L-ASSUNTA fl-4.30 pm. Tajjeb tkunu nfurmati li MARIE TERESE VASSALLO għandha konnessjoni mar-raħal tagħna għax ir-raġel tagħha huwa CHARLES AXIAQ u missieru huwa miż-Żebbuġ. Kull min jixtieq jattendi ġentilment mitlub jikkonferma mal-Kunsill sa nhar it-Tnejn stess fuq 21563056 sal-11.00 am.

**ĦARĠA GĦAL MALTA**

Għandna l-ħsieb li norganizzaw ħarġa għal Malta nhar is-7 ta' Ġunju 2010, din il-ħarġa ser tkun miftuħa għal kulħadd u għalkemm il-programm għadu jiġi mfassal qiegħdin nilqgħu s-suġġerimenti tagħkom ta fejn tixtiequ mmorru. Wara l-ftiehem ta' ħbiberija mal-Kunsill Lokali tal-Imqabba din id-darba ser nibdew il-ġurnata billi nżuru din il-lokalita` u niċċelebraw quddiesa hemmhekk. Min huwa interessat jattendi ġentilment mitlub jikkonferma ismu mal-Kunsill fuq 21563056. Dettalji u programm ser ngħadduhulkom aktar il-quddiem. Nawguraw ħarġa tajba lil kulħadd.

**L-ISKEMA TAL-ISPIŻERIJA TAL-GĦAŻLA TIEGĦEK – ĠBIR U MILI TA' FORMOLI TA' REĠISTRAZZJONI – GĦAWDEX**

Id-Dipartiment tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) jixtieq jinforma lill-pazjenti li huma ntitolati għall-mediċini b' xejn mingħand il-Gvern, u li s-soltu jiġbru l-mediċini tagħhom mill-Ispiżerija tal-Isptar Ġenerali t' Għawdex li jistgħu jiġbru l-Formola ta' Reġistrazzjoni biex jibbenifikaw mill-Iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek tal-Uffiċċju tal-POYC, fl-Isptar Ġenerali t' Għawdex jew mill-ispiżerija msemmija hawn taħt mill-10 ta' Mejju 2010. Il-pazjenti li għandhom il-Kartuna s-Safra u d-Dijabetiċi BISS għandhom jirreġistraw ma' din l-iskema.

Huwa importanti li għar-Reġistrazzjoni l-pazjenti jieħdu magħhom u jippreżentaw:

1. Il-Karta tal-Identita`.
2. Il-Kartuna s-Safra / il-Kartuna u l-Formola r-Rosa / u l-Kartuna l-Bajda għall-mediċini kkontrollati (skont kif japplika).
3. Il-Permess li jintitolahom għall-mediċini fuq l-approvazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa.

Il-Formola tar-Reġistrazzjoni mimlija, għandha tittieħed lura għand l-ispiżerija li l-pazjent ikun irreġistra magħha. Flimkien mal-Formola tar-Reġistrazzjoni l-pazjent għandu jibgħat ukoll kopji tal-Kartun u l-permessi kollha li jintitolawh għal mediċini b' xejn.

Huwa IMPORTANTI li għar-reġistrazzjoni għandha tintuża BISS il-Formola tar-Reġistrazzjoni uffiċjali pprovduta mid-Dipartiment tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek. L-Applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-22 ta' Mejju 2010.

Min għandu bżonn ta' aktar informazzjoni għandu jċempel fuq 22481800 jew 22106350.

**SPIŻERIJI F' GĦAWDEX**

| | ISEM | INDIRIZZ | LOKALITA` |
|---|---|---|---|
| 1. | Fontana Pharmacy | Fontana Road | Fontana |
| 2. | Lauretana Pharmacy | 36, Mġarr Road | Għajnsielem |
| 3. | Sokkors Pharmacy | Triq San Girgor | Kerċem |
| 4. | Tony's Pharmacy | Qbajjar Road | Marsalforn |
| 5. | Nadur Pharmacy | 28th April 1688 Square | Nadur |
| 6. | Vella Pharmacy | 15, Triq 13 ta' Diċembru | Nadur |
| 7. | St. Joseph Pharmacy | 28, Pjazza San Ġużepp | Qala |
| 8. | Pisani Pharmacy | N.B. Sannat Road | Sannat |
| 9. | Abela's Pharmacy | 42, De Soldanis Street | Victoria |
| 10. | Azzopardi Pharmacy | Capucchin's Street | Victoria |
| 11. | Batu Pharmacy | 38, Palm Street | Victoria |
| 12. | Castle Pharmacy | 2, Independence Square | Victoria |
| 13. | Palm Pharmacy | 2, Palm Street | Victoria |
| 14. | Taċ-Ċawla Pharmacy | 'Marga', Dr. A. Tabone Str | Victoria |
| 15. | Joyce's Pharmacy | 8th September Avenue | Xagħra |
| 16. | Xagħra Pharmacy | 157, Triq il-Knisja | Xagħra |
| 17. | Gozo Chemists | Mgarr Road | Xewkija |
| 18. | St. John's Pharmacy | 85, Independence Square | Xewkija |

**SISTEMI B' UŻU TA' ENERĠIJA ALTERNATTIVA**

L-Enerġija Alternattiva hija soluzzjoni għal ħajja aħjar, nadifa kif ukoll toffri futur mill-isbaħ. L-għan wara din l-inizjattiva hija li nagħmlu mir-raħal taż-Żebbuġ raħal ekoloġiku, biex innaqqsu l-emissjonijiet li qegħdin ikomplu jagħmlu ħsara fil-wirt għal uliedna. Madanakollu l-ikbar problema ta' piż għall-familji u stabbilimenti tagħna hija kif nistgħu nnaqqsu l-kontijiet ta' l-elettriku tagħna li qegħdin jagħmlu pressjoni fuqna u fuq l-istil tal-ħajja tagħna.

Il-kumpanija **Solar Engineering** bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ qiegħda toffri l-opportunità ta' offerti lir-residenti taż-Żebbuġ, Marsalforn, Qbajjar u Xwejni, li huma interessati li jinstallaw sistemi li jagħmlu użu ta' Enerġija Alternattiva.

Dawn is-sistemi jinkludu:

- *Solar Water Heaters* biex insaħħnu l-ilma Domestiku jew Kummerċjali (jingħata sussidju sa massimu ta' €560),

- Pannelli Fotovoltajiċi biex niġġeneraw l-Elettriku Domestiku jew Kummerċjali (jingħata sussidju ta’ 50% massimu ta’ €3,000).

Dawk kollha interessati f’ xi waħda minn dawn is-sistemi, qed ikunu mitluba biex juru l-interess tagħhom billi jċemplu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u dan sal-Ġimgħa t-28 ta’ Mejju 2010.

**Carmelo Saliba Sindku – Joe Bajada Deputat Sindku**
**Harry Debono, Joseph Camilleri, Victor Refalo Kunsilliera**

**Il-Ħamis, 13 ta’ Mejju 2010** **Nru. 07/2010**